MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 527/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Gaetano Mark Savery**

**Kumpilazzjoni Nru: 527/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gaetano Mark Savery, ta’ 34 sena, bin Mark Gilbert u Carmen nee’ Spiteri, imwieled Kent, l-Ingliterra, fit-8 ta’ Settembru, 1976 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, Poala, u detentur tal-karta ta’ l-indentita bin-numru 88396M

Akkuzat talli fi Frar, 2011 u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe’ is-somma ta’ madwar €1,435, 000 ghad-dannu ta’ Joseph Gatt detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 67073(M), Matthew Gatt detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 100984(M) u Henry Spiteri detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 98369(M), ai terminu ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ s-somma ta’ madwar €1,435,000, ghad-dannu ta’ Joseph Gatt detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 67073(M), Matthew Gatt detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 100984(M) u Henry Spiteri detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 98369(M) ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta’ Malta;

c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-13 ta' Novembru 2013 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu inkonsiderazzjoni.

Illi bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammonti ta' flus involuti. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt li issa jidher li l-imputat qed jassumi r-responsabbilta ta' l-agir tieghu u huwa lest li jaccetta l-konsegwenzi ta' dan l-agir.

Illi ma jidhirx li huwa kontestat li l-unika piena li tista' tinghata f'dan il-kaz hija wahda karcerarja effettiva u li ghandha tkun ghal perjodu li jirrifletti l-gravita tar-reati u ammonti involuti f'din il-kawza. L-imputat pero jissottometti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni perjodi ohra ta' piena karcerarja li huwa nghata fi xhur li ghaddew ghal reati simili li ghamel u li skond hu gew kommessi b'rezoluzzjoni wahda.

Illi minbarra l-fatt li m'hemm l-ebda prova ta' dak allegat mill-imputat in atti, din il-Qorti f'l-ikkalibrar tal-piena hija

obbligata tiehu in konsiderazzjoni l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames (5) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------